# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 17 ta' Marzu, 2021.**

**Numru 18**

**Rikors numru 185/2011/1 SM**

**Juanita Muscat**

**v.**

**Leisure and Theme Park Limited (C 8161)**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell minn sentenza li biha gew michuda t-talbiet attrici. L-attriċi appellanti tallega illi hija sofriet danni kaġun ta' ġrieħi permanenti u serji li sofriet f'inċident li seħħ waqt li kienet qiegħda Splash and Fun Water Park u dan tort ta' imprudenza, negligenza, traskuraġni u nuqqas ta' osservanza ta' liġijiet da parti tas-soċjeta` konvenuta. L-inċident in kwistjoni seħħ fl-1 ta' Lulju 2010 meta l-appellanti żelqet ma' ġenb ta' *ride*

magħrufa bħala "*Hippo Ride*" u sofriet numru ta' ġrieħi, inklużi ksur f'saqajha.

2. F'dawn il-proċeduri hija talbet għalhekk lil Ewwel Qorti sabiex:

> "1. Tiddikjara lis-socjeta intimata unikament responsabbli ghall-incident li sehh fl-1 ta' Lulju, 2010 ghall-habta tat-3.30pm., fl-*Isplash and Fun Water Park*, Bahar ic-Caghaq, f'liema incident l-esponenti sofriet danni konsegwenza ta' grieha ta' natura permanenti, gravi u serja.
> "2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-esponenti, inkluz danni future, jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi ghal dan l-iskop; u
> "3. Tikkundana lis-socjeta intimata sabiex thallas lill-esponenti d-danni kollha hekk likwidati.
>
> "Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja ta' Frar 2011 u tal-ittra li qed tigi prezentata kontestwalment ai termini tal-artikolu relattivi tal-Kodici Civili (Kap. 16) tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali, kontra s-socjeta ntimata li hija minn issa ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni."

3. Is-soċjeta` konvenuta eċċepiet li l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri seħħ unikament minħabba mankanzi attribwibbli lill-attriċi u li konsegwentement m'hemmx danni x'jiġu likwidati favur l-attriċi li hija għandha tagħmel tajjeb għalihom.

4. Bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-26 ta' Novembru 2015 ġie deċiż hekk:

> "21.1. Filwaqt li tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti;
> "21.2. Takkolji t-talbiet tas-socjeta` intimata;
> "21.3. Bl-ispejjez, tenut kont tac-cirkostanzi kif fuq elenkati, jibqghu minghajr taxxa."

5. L-attriċi appellat minn din is-sentenza permezz ta’ rikors datat 11 ta’ Diċembru 2015, u talbet lil din il-Qorti sabiex tirrevoka, tħassar u tannulla s-sentenza appellata u minflok tilqa’ it-talbiet kollha attriċi u tillikwida d-danni sofferti minnha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` appellata.

6. Is-soċjeta` appellata preżentat ir-risposta tal-appell tagħha fis-6 ta’ Jannar 2016 u ssottomettiet li l-appell tal-attriċi għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata fl-intier tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti.

**Ikkonsidrat;**

7. L-appellanti ressqet żewġ aggravji fir-rigward tas-sentenza appellata. Peress illi ż-żewġ aggravji huma pjuttost konnessi, il-Qorti ser tittrattahom flimkien.

8. Permezz tal-ewwel aggravju l-appellanti tilmenta illi l-Ewwel Qorti interpretat u irriproduċiet b’mod ħażin il-konklużjonijiet tal-Perit Tekniku. L-appellanti targumenta illi l-Perit Tekniku kien ċar fil-konklużjonijiet tiegħu fejn jgħid illi huwa jemmen il-verżjoni attriċi iżda minkejja din il-kjarezza l-Ewwel Qorti fehmet ħażin u tat interpretazzjoni tal-konklużjonijiet peritali li hija eżattament kuntrarja għal dak intiż mill-istess

perit. Tikkontendi li għalkemm huwa minnu li skont il-liġi l-Qorti għandha s-setgħa li ma taċċettax il-konklużjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni tagħha innifisha, huwa ċar li fil-każ odjern is-sentenza tal-Ewwel Qorti hija frott żball sostanzjali.

9. Permezz tat-tieni aggravju tagħha l-appellanti ssostni li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi miġjuba. L-appellanti targumenta illi l-verżjoni tagħha hija kkorroborata mix-xhieda ta' Rosaria Tonna u Simone Cachia iżda l-Ewwel Qorti m'għamlet l-ebda referenza għal din ix-xhieda. Hija tgħid illi mill-provi jirriżulta ċar li s-soċjeta` appellata ma ħaditx biżżejjed prekawzjonijiet biex tassigura l-inkolumita` tal-persuni li jużaw iż-żurżieqa fejn seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, u żżid illi anke mezz ta' sigurta` bażiku bħal ma huwa tapit kien nieqes minn fuq il-post. L-appellanti tilmenta illi mis-sentenza appellata ma jirrżultax għalfejn l-Ewwel Qorti ddeċidiet li hija ma ħarġitx mill-*exit* u tgħid illi s-soċjeta` appellata ma ġabitx provi suffiċjenti sabiex tissostanzja din l-allegazzjoni, kif fil-fatt ġie konkluż mill-Perit Tekniku. Targumenta illi anke kieku stess kien minnu illi hija ħarġet minn parti oħra ta' din iż-żurżieqa, is-soċjeta` appellata xorta waħda kienet obbligata li toffri sigurta` f'kull parti tal-post li toffri aċċess lil pubbliku għalih, speċjalment ikkonsidrat illi dan huwa post li huwa iffrekwentat minn ħafna tfal. L-appellanti tikkontendi li, speċjalment ikkonsidrat li s-soċjeta` appellata naqset milli tippreżenta s-sottomissjonijiet tagħha, l-Ewwel Qorti kellha

tinterpreta tajjeb il-konklużjonijiet peritali u taddottahom fl-intier tagħhom fis-sentenza tagħha.

10. Is-soċjeta` appellata tirribatti illi l-Ewwel Qorti skartat ir-rapport tekniku għaliex il-Qorti kellha l-fakulta` li tiddipartixxi mill-konklużjonijiet peritali, u żżid li l-apprezzament tal-fatti m'għandux jiġi disturbat b'mod leġġer mill-Qorti tal-Appell. Targumenta illi l-Ewwel Qorti kellha raġun tiskarta l-konklużjoni tal-Perit Tekniku għaliex din kienet ibbażata biss fuq ipoteżi ta' x'seta' ġara, u dan partikolarment peress illi meta nżamm l-aċċess il-post kien armat b'mod differenti ħafna minn kif kien armat meta seħħ l-inċident peress li kien fi staġun differenti u għalhekk il-*hippo ride* li kienet qed tuża l-appellanta meta seħħ l-inċident in kwistjoni lanqas biss kienet armata. Sostniet li għalkemm kien faċli għaliha li tressaq xhud biex jikkonferma li l-appellanta ma ħarġitx mill-*exit* minn fejn kellha toħroġ, dan ma kellhiex għalfejn tagħmlu għaliex kienet ċerta minn dak li xehdu x-xhieda mressqa minnha. Targumenta li a kuntrarju ta' dak allegat mill-appellanta r-rapport peritali jindika diversi fatturi li juru li s-soċjeta` appellata tuża l-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja fl-amministrazzjoni tagħha ta' Splash and Fun Water Park, inkluż billi waqt il-ħinijiet tal-ftuħ ikun hemm *emergency qualified nurse,* li l-impjegati jieħdu ħsieb li kuljum ipoġġu *mattresses* u materjali oħra biex jevitaw żlieq li wara jiġu spezzjonati mis-*supervisors* u kuljum ikun hemm bejn għaxra u għoxrin *attendant* li l-ħin kollu jduru l-attrazzjonijiet

differenti. Tikkontendi li l-Perit Legali ma wasal għall-ebda kjarezza iżda sempliċiment ġibed il-ħabel tal-appellanti, u għalhekk kienet ġusta l-Ewwel Qorti meta waslet għall-konklużjoni li l-appellanti ma pruvatx a sodisfazzjoni tal-Qorti l-każ tagħha. Is-soċjeta` appellanti tikkritika l-argument tal-appellanti fis-sens li f'*water park* suppost imkien ma jkun jiżloq, u ssostni li dan huwa kważi impossibli minħabba l-ilma li jkun hemm, u għalhekk dak li huwa important huwa li s-soċjeta` appellanti ħadet il-miżuri raġonevolment mistennija sabiex timminimizza l-possibilita` li jseħħ incident.

11. L-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "15.0. Illi skont ir-rikorrenti l-incident in dizamina sehh bil-mod segwenti:
>
> "15.1. Illi dan gara fil-gurnata, hin u post fuq indikati, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel);
>
> "15.2. Illi r-rikorrenti marret fl-imsemmi post flimkien malfamiljari taghha, (ara foll 17);
>
> "15.3. Illi ghall-habta tat-3.30 p.m. marret biex tizzerzaq millHippo Inflatable Slide, (ara foll 17 u 21), li hi zurzieqa tintefah bl-arja u li tigi armata fi spazju miftuh, (ara foll 104);
>
> "15.4. Illi meta telghet fil-parti ta' fuq ta' l-istess zurzieqa sabet impjegat tas-socjeta` intimata li permezz ta' pipe kien qieghed ixarrab lil kull min kien qieghed jizzerzaq minn hemmhekk, (ara foll 22), biex tizloq aktar, (ara foll 104);
>
> "15.5. Illi l-ewwel reazzjoni tar-rikorrenti kienet li tirrifjuta tali gest ghaliex bdiet thoss il-bard, (ara foll 17);
>
> "15.6. Illi pero` fuq l-ispjegazzjoni lilha moghtija mill-istess impjegat li jekk ma jxarrabiex hi kienet ser tehel fis-slide ghaliex din kienet tal-plastik, ir-rikorrenti accettat li tigi mxarrba, (ara foll 17);

“15.7. Illi n-naha t’isfel taz-zurzieqa ma kien hemm l-ebda impjegat, (ara foll 17);

“15.8. Illi meta r-rikorrenti nizlet miz-zurzieqa hassitha niezla b’certa velocita`, (ara foll 17);

“15.9. Illi meta wasslet biex tohrog mis-slide riedet tohrog billi taqbez targa gholja, (ara foll 17, 23 u 24), flimkien mar-ritratt numru 5 a foll 116);

“15.10. Illi l-art immedjatament hdejn il-hrug mill-istess zurzieqa kienet imdawwra b’konkos lixx hafna, bl-art tal-madwar tkun imxarrba hafna, wkoll (ara foll 17);

“15.11. Illi hekk kif harget miz-zurzieqa r-rikorrenti zelqet u spiccat fl-art, (ara foll 17);

“15.12. Illi maz-zelqa hasset saqajha qisa bicca chewing gum u rat li l-ghadma ta’ saqajha kienet telghet il-fuq taht il-gilda – kwazi hierga, (ara foll 17);

“15.13. Illi r-rikorrenti giet sokkorsa mill-familjari taghha li sejhu ghal nurse li kien fuq il-post u ghall-ambulanza, haga li jidher li l-istess nurse ma tantx apprezza, (ara foll 17);

“15.14. Illi wara li giet l-ambulanza fuq il-post ir-rikorrenti ttiehded ghall-kura l-isptar, (ara foll 18);

“15.15. Illi l-istess versjoni ta’ l-akkadut hawn fuq elenkata hi kkonfermata minn omm ir-rikorrenti u mill-gharusa ta’ huha, xhieda okulari ta’ l-akkadut, (ara foll 44 u 47 rispettivament);

“Ikkunsidrat:

“16.0. Illi skont l-espert tekniku fuq gia` riferit jirrizulta sintetikament issegwenti: 16.1. Illi skont ix-xhieda ta’ Doris Ebejer, manager tas-socjeta` intimata u li rat l-incident isehh, ir-rikorrenti nizlet minn mal-genb taz-zurzieqa minn fuq il-cushion “... flok nizlet minn fejn suppost tinzel”, (ara foll 106 u 233);

“16.2. Illi di piu` l-istess manager indikata fil-paragrafu precedenti ssosstni li r-rikorrenti harget minn “...parti li tinsab aktar qabel mill-hrug proprju”, (ara foll 233), “...xi zewg (2) metri l-boghod mill-“exit” ta’ l-istess zurzieqa, (ara foll 106);

“16.3. Illi l-istess manager ghajtet lin-nurse li jkun addet fuq ilpost li gie jaghti l-ghajnuna tieghu;

16.4. Illi effettivament il-post fejn kienet midruba fl-art irrikorrenti "jirrizulta li: "... ma kienx hdejn l-exit imma xi ghaxar metri boghod (fil-punt immarkat 'X' fuq Dok ASR ritratt 02)", (ara foll 107 u 115);

"16.5. Illi sussegwentement ir-rikorrenti ittiehdet l-isptar ghall-kura;

"Ikkunsidrat:

"17.0. Illi l-istess perit tekniku de quo ikkonstata s-segwenti:

"17.1. Illi minn jizzerzaq mill-imsemmija zurzieqa ma jibqax jizzerzaq sal-hrug taghha, (ara foll 107);

"17.2. Illi minn jizzerzaq minnha jibqa` jizzerzaq sa ma jieqaf filparti l-minduda taz-zurzieqa u jkollu jasal sal-hrug ta' listess billi jimxi fuq l-estensjoni orizzontali li ghandha, (ara foll 107);

"17.3. Illi ghalhekk, biex jigu evitati incidenti inutili, l-impjegat li jkun fin-naha ta' fuq taz-zurzieqa hu fid-dover li jara li min ikun izzerzaq minn hdejh ikun hareg miz-zurzieqa qabel jibghat persuna ohra;

"17.4. Illi jikkonkludi li r-rikorrenti: "... qabzet minn fuq l-extension u ma hargitx mill-exit", (ara foll 108);

"17.5. Illi skont l-istess perit tekniku de quo il-parti fejn hemm il-hrug hu gholi hamsa u hamsin (55) centimetru, waqt li l-gholi minn fejn jirrizulta li qabzet ir-rikorrenti hu ta' metru u centimetru gholi, (1.1 m.), (ara foll 108); Ikkunsidrat:

"18. Illi in vista tal-premess din il-qorti giet issa rinfaccata b'zewg verzjonijiet ugwalment plawsibbli;

"19. Illi ghalkemm dawn apparentement jidhru konfiggenti fil-fatt dan ma jirrizultax li hu l-kaz;

"20.0. Illi r-rizultanzi fuq elenkati jistghu jigu sintetizzati b'dan il-mod:

"20.1. Illi fiz-zurzieqa in dizamina jirrizulta li kien hemm impjegat in-naha ta' fuq qabel ma l-klijenti jmorru jizzerzqu;

"20.2. Illi r-rikorrenti ghazlet li tohrog ghaxar (10) metri qabel ilhrug appozitament indikat fejn kien hemm ukoll spazju appost u rizervat ghal dan l-iskop;

"20.3. Illi l-hrug effettiv taz-zurzieqa kien jirrizulta li kien vizwalment indikat kif jidher mir-ritratt immarkat 02 a foll 115 billi l-parti orrizzontali ta' l-istess zurzieqa ghandha lparti l-kbira taghha f'saffejn u hu biss il-hrug li hu f'saff wiehed;

> “20.4. Illi ghalhekk kien ovvju li l-klijenti li qed juzaw tali zurzieqa ma kellhomx johorgu mill-istess zurzieqa hlief minn din il-parti estrema ta’ l-istess hekk assenjata u appozitament indikata;
>
> “20.5. Illi ghalhekk meta l-istess rikorrenti ezegwiet din l-ghazla taghha, ghazlet ukoll li tassumi r-responsabbilita` ta’ listess;
>
> “20.6. Illi ghalhekk, rizultat ta’ din l-ghazla hekk ezegwita jirrizulta il-kawza prossima ta’ l-incident in dizamina giet kkawzata mill-istess rikorrenti stante li liberament ghazlet li tohrog madwar ghaxar (10) metri qabel il-hrug proprju ta’ l-istess zurzieqa meta kienet marbuta biex ma taghmilx dan bl-indikazzjonijiet li kien hemm;
>
> “20.7. Illi ghalhekk, ghalkemm is-socjeta` intimata setghet tindika l-istess b’aktar precizjoni, pero` kien ovvju li l-klijenti taz-zurzieqa ma kellhomx jaqbzu aktar minn metru gholi biex johorgu mill-istess, meta kien hemm hrug adegwat u komdu debitament assenjat ghall-istess skop, u meta ghazlu li jimxu mod iehor, ghazlu wkoll li jassumu r-responsabbilita` ta’ l-istess;
>
> “Ikkunsidrat:
>
> “21.0. Illi tenut kont tas-suespost, din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ma pprovatx il-kaz taghha skont il-ligi…”

***Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti***

12. Wara li rat ir-rapport tal-Perit Tekniku l-Qorti tqis illi huwa fondat l-ilment tal-appellanti illi l-Ewwel Qorti interpretat ħazin ir-riżultanzi u l-konklużjonijiet tal-perizja teknika. Huwa ċar ukoll illi l-argument tas-soċjeta` appellata illi l-Ewwel Qorti sempliċement għażlet li ma taddottax il-konklużjonijiet ta’ din ir-relazzjoni huwa żbaljat. Minn qari tas-sentenza appellata jidher illi l-Ewwel Qorti ma kinitx qed tonqos milli taqbel mal-Perit Tekniku iżda kienet qed tifhem jew tirriproduċi ħażin ir-relazzjoni peritali, kif sewwa targumenta l-appellanta. Fil-fatt, l-Ewwel Qorti kkonsidrat li l-Perit Tekniku kkonkluda li l-appellanta harġet minn fuq l-

*extension* u mhux mill-*exit* appożitu li kien jinsab xi għaxar metri 'l bogħod. Pero` il-konklużjoni tal-Perit Tekniku hija kompletament kuntrarja. Fil-konklużjonijiet tiegħu l-Perit Tekniku irrelata ċar u tond illi "Jirriżulta illi r-rikorrenta użat is-"slide" fil-kwistjoni b'mod diliġenti billi ħarġet mill-"exit" kuntrarjament għal dak allegat mill-intimata." Għalhekk għandha raġun l-appellanti illi l-Ewwel Qorti fehmet ħażin ir-relazzjoni teknika, u dan l-aggravju huwa evidentement fondat.

13. Huwa minnu illi l-partijiet taw verżjonijiet kompletament kontrastanti. L-appellanti tikkontendi illi hija ħarġet mill-ħruġ appożitu iżda dakinhar ma kienx hemm saqqijiet jew materjali oħra u għalhekk kif rifset il-konkos lixx hija żelqet. Min-naħa tagħha s-soċjeta` appellanta tikkontendi illi l-appellanti ma ħarġitx mill-ħruġ appożitu, iżda qabzet 'il barra minn din iż-żurżieqa qabel dan il-ħruġ u kien għalhekk illi hija żelqet. Wara li eżaminat il-provi prodotti mill-partijiet, din il-Qorti tirrileva illi x-xhieda mressqa mis-soċjeta` appellata taw verżjonijiet konfliġġenti tal-mod kif il-post ikun attrezzat u sorveljat. Hekk per eżempju, għalkemm Patrick Vella u Kevin Cutajar qalu illi l-appellanti kienet xi għaxar metri 'l bogħod mill-ħruġ appożitu, filwaqt illi Doris Ebejer xehdet illi l-appellanti ħarġet miż-żurżieqa xi żewġ metri 'l bogħod mill-ħruġ appożitu. Inoltre, għalkemm il-partijiet ma qablux dwar jekk kienx hemm *attendant* mal-ħruġ dakinhar li seħħ l-inċident, is-soċjeta` appellanti naqset milli tipproduċi l-*attendants* li kienu qed jissorveljaw din iż-żurżieqa jew imqar

ir-*roster* ta' dakinhar. Dan minkejja illi fir-risposta tal-appell is-soċjeta` appellata tikkontendi illi kien ikun faċli għaliha li tagħmel dan. Ġaladarba s-soċjeta` appellata ma llimitatx ruħha illi sempliciment tinnega l-verżjoni attriċi iżda eċċepiet li t-tort tal-inċident huwa tal-attriċi għaliex użat iż-żurżieqa ħażin, kien jinkombi fuqha li tressaq prova in sostenn tal-allegazzjoni tagħha. Għalhekk jekk is-soċjeta` appellata għażlet li ma tippreżentax ir-*roster* tal-impjegati għal dik il-ġurnata li seħħ l-inċident jew tressaq l-impjegati addetti ma' din iż-żurżieqa bħala xhieda, *imputet sibi*.

14. Barra minn hekk, u ferm rilevanti, huwa l-fatt li x-xhieda tas-soċjeta` appellata kollha qablu illi l-estensjoni hija meħtiega meta ż-żurżieqa tintuża bl-ilma minħabba li l-utenti jiżżerżqu aktar fit-tul għaliex jiżzerżqu b'ċertu *momentum.* Mix-xhieda jirriżulta li dakinhar l-utenti ta' din l-attrazzjoni kienu qed jiġu mxarrba b'*pipe* u li l-appellanta ukoll kienet ġiet imxarrba minkejja illi ma xtaqitx għaliex ġiet informata li dan kien obbligatorju. Għalhekk huwa verament inverosimili illi hija waqfet għaxar metri 'l bogħod mill-ħruġ appożitu, u cioe` kważi kważi fil-bidu nett tal-estensjoni. L-ispjegazzjoni mogħtija mix-xhieda prodotti mis-soċjeta` appellata stess b'mod impliċitu jeskludu din il-possibilita`. Jekk l-estensjoni hija neċessarja għaliex l-ilma jġiegħel lill-utenti jizżerżqu aktar fit-tul, allura kif jista' jkun li l-appellanta tant iżzerżqet ftit illi waqfet għaxar metri 'l bogħod mill-ħruġ appożitu? Il-Qorti tinnota illi fil-fatt, Simone Cachia xehdet illi l-utenti ta' din l-attrazzjoni kienu "nieżlin bi speed qawwi

u jillandjaw bis-saħħa peress li kien hemm ħafna ilma…" u li lill-appellanta "rajtha niezla b'ċertu saħħa u dan għax l-islide kienet mimlija ilma u tiżloq ħafna" u din ix-xhieda ma ġiet bl-ebda mod kontestata mis-soċjeta` appellata. Għalhekk huwa ferm inverosimili illi l-appellanta waqfet għaxar metri 'l bogħod mill-ħruġ appożitu kif tikkontendi s-soċjeta` appellata.

15. Barra minn hekk, il-Qorti tagħraf li l-Ewwel Qorti naqset milli tieħu in konsiderazzjoni l-konklużjoni tal-Perit Tekniku illi l-ħruġ appożitu huwa perikoluż, peress illi hemm qabża għolja iktar min-nofs metru sabiex wieħed jinżel minn fuq iż-żurżieqa. Dan fil-fatt jidher b'mod ċar fir-ritratti eżebiti mill-appellanti, partikolarment minn Dok JM4 a *fol.* 24 fejn jidher illi l-utenti ta' din iż-żurżieqa iridu effettivament jaqbżu 'l barra minnha biex joħorġu, u dan minkejja li jkunu qed jużaw il-ħruġ appożitu. Fil-ħruġ appożitu ma jidhirx illi hemm xi tip ta' *handles* jew *railing* sabiex l-utenti jkollhom ma' xiex iżommu waqt li jkunu qed jinżlu minn din it-tarġa li hija għolja ftit aktar min-nofs metru, u dan ukoll minkejja li naturalment din it-"tarġa" għandha ċertu nuqqas ta' stabbilita` minħabba l-materjal li minnha hi magħmula, li jkompli jżid il-periklu għall-utenti waqt li jkunu qed jaqbżu 'l barra minnha b'saqajhom imxarrbin. Dan ikompli jsaħħaħ il-verżjoni tal-appellanti, u juri illi s-soċjeta` appellata naqset milli tipprovdi "*a safe system of play*"[1] f'dan il-*Water Park* amministrat minnha. Fil-fehma tal-Qorti, in-nuqqas tas-soċjeta` appellata illi tieħu dawk il-passi kollha

[1] Ara **Raymond Fenech et v. Kunsill Lokali Żebbuġ et** (PA, 21/10/2004).

neċessarji sabiex tassigura li l-ħruġ appożitu huwa wieħed sigur huwa prova tan-nuqqas lampanti tas-soċjeta` appellata li tiġġestixxi il-post in kwistjoni bid-diliġenza u prudenza ta' *bonus paterfamilias.*

16. Inoltre, il-Qorti tqis ukoll illi kien obbligu tas-soċjeta` appellata illi tara li timminimizza r-riskju għall-utenti tal-attrazzjonijiet f'kull parti tagħhom u għalhekk ma tistax taħrab ir-responsabbilita` tagħha billi tgħid illi l-appellanti ma ħarġitx mill-ħruġ appożitu. L-ewwel nett, mir-ritratti mmarkati Dok JM3 u Dok JM4 a *fol.* 23 u 24 jidher illi minkejja li x-xhieda prodotti mis-soċjeta` appellata qalu li s-saqqijiet jitpoġġew matul it-tul kollu taż-żurżieqa u estensjoni, fil-verita` hemm saqqijiet biss mal-ħruġ. Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax ukoll illi dawn is-saqqijiet, li huma l-*cushioning* li jintuża mas-*sunbeds* huma evidentement mhux idoneji għall-iskop għaliex, għalkemm jgħinu, xorta waħda m'humiex ser itaffu biżżejjed l-impatt ta' persuna li taqa' hija u taqbeż minn tarġa għolja aktar minn nofs metru. Barra minn hekk, minn dawn ir-ritratti jidher illi s-soċjeta` appellata ma ħadet l-ebda passi sabiex tipprevjeni l-ħruġ minn partijiet oħra taż-żurżieqa jew l-estensjoni. Ikkonsidrat illi dan huwa *water park* iffrekwentat minn ħafna tfal u żgħażagħ li m'humiex kapaċi jifhmu u jevalwaw riskji bħal ma huma kapaċi jagħmlu persuni adulti, jinkombi fuq is-soċjeta` appellata illi tieħu ħsieb illi kemm jista' jkun tnaqqas il-possibilita` li utenti joħorġu miż-żurżieqa minn postijiet oltre l-ħruġ appożitu, u tieħu l-passi meħtiega sabiex jekk isir dan jitnaqqas ir-riskju li

l-individwu jweġġa'. Anke li kieku kien il-każ li dakinhar kien hemm *attendant* mal-ħruġ, ikkonsidrat illi hemm tul konsiderevoli x'jiġi sorveljat, u ikkonsidrat illi rriżulta li fis-sajf ikun hemm bosta nies fuq il-post, huwa ċar li *attendant* wieħed mal-ħruġ m'huwiex biżżejjed. Dan għaliex individwu wieħed ma jistax raġonevolment jgħin kwantita ta' nies waqt il-ħruġ tagħhom mill-ħruġ appozitu filwaqt illi fl-istess ħin jissorvelja l-estensjoni biex jassigura illi ħadd ma jipprova joħroġ billi jaqbeż minn mal-ġenb taż-żurżieqa. Barra minn hekk, ikkonsidrat l-għoli u l-fattur ta' żlieq minħabba l-ilma, il-Qorti tqis illi s-soċjeta` appellata kienet raġonevolment mistennija illi tagħmel *turf,* saqqijiet, tapiti jew materjali oħra li jipprevjenu ż-żlieq, sabiex jekk persuna ma toħroġx mill-ħruġ appożitu almenu jitnaqqas il-periklu li dik il-persuna tiżloq u ittaffi l-impatt fil-każ li xi ħadd jaqa'.

17. Għaldaqstant din il-Qorti ma taqbilx mal-Ewwel Qorti illi l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri seħħ tort tal-appellanti. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-inċident seħħ minħabba illi s-soċjeta` appellata naqset milli tpoġġi fis-seħħ "*a safe system of play",* obbligu li kien jinkombi fuqha bħala l-amministratriċi tal-*water park* in kwistjoni u illi l-appellanti ma kkontribwiet bl-ebda mod ghal tali incident. Għaldaqstant, stabbilita r-responsabilita` tas-soċjeta` appellata, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tillikwida l-kumpens dovut lill-appellanti. Ikkonsidrat illi diġa` għaddew kważi ħdax-il sena mid-data tal-inċident, il-Qorti tqis illi m'huwiex il-każ illi

dawn il-proċeduri jerġgħu jintbagħtu lura quddiem l-Ewwel Qorti għal-likwidazzjoni tal-kumpens. Dan tenut kont ukoll illi l-appellanti stess talbet illi d-danni jiġu likwidati minn din il-Qorti u mhux li l-kawża tiġi rimessa lura lill-Ewwel Qorti.

**Likwidazzjoni tad-danni**

***Damnum Emergens***

18. L-appellanti ressqet is-segwenti provi dwar l-ispejjeż inkorsi minnha minħabba l-inċident in kwistjoni:

| | |
|---|---|
| Vista medika fil-31 ta' Awwissu 2010 (*fol.* 37) | €50 |
| Vista medika fit-12 ta' Ottubru 2010 (*fol. 38)* | €20 |
| Vista medika fl-10 ta' Settembru 2010 (*fol.* 39) | €20 |
| Vista medika fit-22 ta' Novembru 2010 (*fol.* 39) | €20 |
| Vista medika fit-12 ta' Novembru 2010 (*fol.* 40) | €20 |
| Vista medika fl-10 ta' Novembru 2010 (*fol.* 40) | €15 |
| Ħlas għall-CD bl-X-rays meħuda l-isptar fit-30 ta' Awwissu 2010 (*fol.* 41) | €15 |
| *Wobble Board* mixtrija fil-15 ta' Settembru 2010 | €19.99 |
| **Total** | €179.99 |

19. L-appellanti tikkontendi wkoll illi hija sofriet telf ta' €657.63 minħabba sigħat ta' xogħol mitlufa konsegwenza ta' dan l-inċident bejn l-1 ta' Lulju 2010 u t-30 ta' Settembru 2010. F'ittra datata 17 ta' Gunju 2011 iffirmata minn David Anastasi jinsab ikkonfermat illi l-appellanti naqqset is-sigħat tax-xogħol tagħha minħabba l-inċident in kwistjoni u li l-attendenza tagħha marret lura għan-normal lejn l-aħħar ta' Settembru 2010. Skont din l-ittra l-appellanti s-soltu kienet taħdem bejn ħames u seba` sigħat fil-ġimgħa mħallsa bir-rata ta' €10.87 fis-siegħa. Il-Qorti tinnota illi din l-ittra ma ġietx ikkonfermata bil-ġurament tal-istess Anastasi. Pero` is-sigħat ta' xogħol li ħadmet l-appellanti jirriżultaw mill-*payslips* preżentati minnha, minn liema jirriżulta illi filwaqt illi qabel l-inċident in kwistjoni l-appellanti kienet taħdem medja ta' 14.83 siegħa fix-xahar, mid-data tal-inċident in kwistjoni sal-aħħar ta' Settembru 2010 hija ħadmet total ta' sitt sigħat. Mill-istess *payslips* jirrizulta illi l-appellanti kienet tirċievi paga ta' €10.88 fis-siegħa. Għalhekk is-salarju mitluf mill-appellanti bejn Lulju u Settembru 2010 huwa fis-somma ta' €418.88.[2]

20. Għalhekk, it-total ta' **damnum emergens** soffert mill-appellanti huwa fis-somma ta' ħames mija, tmienja u disgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (**€598.87**).

[2] Il-kalkolu magħmul mill-Qorti huwa s-segwenti: 14.83 siegħa x 3 xhur = 44.49 siegħat ta' xogħol li normalment kien isir bħala medja mill-appellanti – 6 siegħat ta' xogħol li l-apellanti ħadmet matul dawk it-tlett xhur = 38.49 siegħa x rata ta' ħlas ta' €10.88 fis-siegħa = €418.77.

***Lucrum Cessans***

21. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha l-appellanti tikkontendi illi l-*lucrum cessans* għandu jinħadem a bażi tal-paga li kienet taqla' fis-siegħa, u cioe` €10.88, u fuq medja ta' erbgħin siegħa ta' xogħol fil-ġimgħa. Il-Qorti tosserva illi mill-provi jirriżulta illi fiż-żmien l-inċident l-appellanti ma kinitx taħdem fuq bażi *full-time,* iżda kienet taħdem bejn għaxar u għoxrin siegħa fix-xahar. Fix-xhieda tiegħu ir-raġel tal-appellanti qal illi l-appellanti kienet bi ħsiebha li terġa' tibda taħdem fuq bażi *full-time* meta binthom tagħlaq sittax -il sena (*fol.* 219). Pero`, skont l-istess xhieda bint il-partijiet ghalqet sittax-il sena waqt il-mori tal-kawża, u cioe` fl-2014 (*fol.* 219 – 220) iżda l-appellanti qatt ma ġabet prova li fil-fatt kienet reġgħet bdiet taħdem *full-time.* Il-Qorti tqis għalhekk illi ma jkunx ġust illi l-*lucrum cessans* jiġi kkalkolat daqs li kieku l-appellanti taħdem bħala *accountant* fuq bażi *full-time* ġaladarba l-ebda prova ta' dan ma ġiet preżentata. Il-prova tad-dannu kienet tinkombi fuq l-appellanti, u għalhekk kien obbligu tagħha li tressaq prova dwar jekk effettivament hija reġgħetx bdiet taħdem *full-time.* Minkejja dan, il-Qorti ma tqisx illi s-sigħat li l-appellanti kienet taħdem bħala omm u mara tad-dar m'għandhomx jittieħdu in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-komputazzjoni tad-danni. Kif intqal fis-sentenza **Sylvia Rosso v. Etienne Galea** (PA, 03/04/2003):

> "…il-Qrati tagħna ilhom żmien jaċċettaw li mara miżżewġa li ma kellhiex impieg jistħoqqilha tingħata kumpens għall-ġrieħi mġarrbin minnha f'inċident dannuż, għal dan il-fatt waħdu."[3]

22. Mill-provi jirriżulta illi l-appellanti kellha paga f'medja ta' €3,970.79 fit-tlett snin ta' qabel l-inċident in kwistjoni. Il-Qorti tinnota pero` illi fl-2009 hija bidlet ix-xogħol tagħha u l-paga tagħha naqset sostanzjalment, minn ċirka €5,000 fis-sena għal ċirka €1,400 fis-sena. Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi jkun aktar ġust illi l-komputazzjoni tinħadem fuq din iċ-ċifra.

23. Ma' din is-somma l-Qorti tqis illi trid tiżdied somma li tirrifletti l-fatt illi l-attriċi kienet tagħmel xogħol bħala omm u mara tad-dar fil-bqija tal-ħin tagħha, liema xogħol ukoll għandu valur ekonomiku. F'dan ir-rigward il-Qorti ser tagħmel kalkolu bbażat fuq 75% tal-paga minima fl-2010, li kienet fis-somma ta' €659.92 fix-xahar, u dan peress illi l-appellanti ma kinitx mara tad-dar *full-time*. Għaldaqstant, mas-somma appena imsemmija trid tiżdied is-somma ta' €5,942.28,[4] sabiex b'hekk it-total ta' din is-somma u l-introjtu tal-attriċi mix-xogħol tagħha bħala *accountant* huwa ta' €7,342.28. Il-Qorti tqis illi din is-somma għandha mbagħad tiżdied b'10% sabiex jittieħdu in konsiderazzjoni żidiet futuri fl-introjtu jew fil-paga minima u ċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja.[5] Għaldaqstant, il-

---

[3] Ara wkoll, *inter alia,* **Bugeja John pro et noe v. Spiteri Carmelo** (PA, 30/11/2001); **Schembri Emanuel et vs Tanti David** (PA, 30/11/2001); **Sammut Saviour et v. Demanuele Robert** (PA, 12/07/2002).

[4] Il-komputazzjoni li saret mill-Qorti hija s-segwenti: €659.92 x 12 = €7,919.04 x 75% = €5,942.28.

[5] **Sylvia Rossa vs Etienne Galea** (PA, 03/04/2003); **Joseph Caruana vs Philip Chircop and Sons Limited et** (Appell, 24/04/2015).

komputazzjoni tal-*lucrum cessans* għandha tkun ibbażata fuq is-somma ta' €8,576.28.

24. Fir-rigward tal-multiplier, il-Qorti tagħmel referenza għal sentenza riċenti ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Bonanno Joseph v. Malta Freeport Terminals Limited** (Appell, 27/03/2020) fejn intqal illi:

> "Kif kellha okkazjoni din il-Qorti tikkumenta fir-rigward tal-multiplier f'diversi okkazjonijiet ohra, ghalkemm ghandu jittiehed qies tal-eta\` taddanneggjat fil-mument li sehh l-incident, normalment f'kazijiet bhal dawn m'ghandux isir semplici tnaqqis bejn l-eta\` tal-irtirar, u l-eta\` tal-persuna fil-mument ta' l-incident, izda l-multiplier irid jinkorpora go fih dak l-element ta' chances and changes of life or vicissitudes of life. Il-kuncett ta' chances and changes of life, gie introdott biex proprju jiggustifika temperament fil-komputazzjoni tad-danni a bazi tal-principju li hadd ma jaf il-futur u, ghalkemm persuna tista' tghix sa eta\` avvanzata, il-hajja tghallimna mod iehor. Isegwi li l-working life expectancy m'ghandux ikun ikkonsidrat kollu ghal fissazzjoni talmultiplier. (Ara f'dan is-sens issentenza ta' din il-Qorti, fil-kawza Francis Gauci v. Jimmy Bugeja, deciza fis-27 ta Novembru, 2009.) F'dan is-sens ukoll, fis-sentenza ta' din il-Qorti, fl-ismijiet Anthony Turner et v. Francis Agius et deciza fit-28 ta' Novembru 2003, fejn inghad hekk:
>
> "In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income.
>
> "(The Law of Tort - W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. P.228)
>
> "Inghatat ukoll is-segwenti definizzjoni fir-rigward tal-multiplier: "A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue, that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the contingencies (i.e that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred) and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of

> other comparable cases.” (Peter Cane, Atiyah’s Accidents, Compensation and the Law 6th Edit, 1999, pag.122).
>
> “Il-Qorti ssib li ghandha tfittex li tirreintegra kemm jista’ jkun lil dak li jkun garrab hsara, u li terga’ tqieghed lil tali persuna fl-istat li kienet qabel lincident. Gie stabbilit ukoll li l-multiplier ghandu jibda jitqies minn dakinhar li sehh l-incident li fih il-vittma tkun garrbet il-griehi, (ara perezempju Salvatore Mifsud v. Carlo Camilleri et deciza minn din il-Qorti fis-16 ta’ Novembru, 1983). Kwindi konsidrat li m’ghandux jittiehed biss il-maximum working life expectancy imma għandhom jittiehdu in konsiderazzjoni wkoll ic-chances and changes of life, tqis opportun li tirrevedi l-multiplier fil-kaz in ezami, ghal dak ta’ 19.”

25. Fil-każ odjern l-appellanti kellha l-eta` ta’ 38 sena meta seħħ l-inċident in kwistjoni. Għalhekk, ikkonsidrat l-eta` tal-irtirar u kkonsidrat ukoll “*chances and changes of life”* il-Qorti tqis illi l-multiplier f’dan il-każ għandu jkun ta’ 22.

26. Il-perċentwali ta’ diżabilita` permanenti sofferta mill-appellanti kaġun tal-inċident in kwistjoni ġiet stabbilita mill-Perit Tekniku fl-ammont ta’ 4%. Din il-perċentwali ġiet sussegwentement ikkonfermata mill-Periti Perizjuri, u għaldaqstant il-Qorti tqis illi l-perċentwali ta’ diżabilita` permanenti li fuqha għandha ssir il-komputazzjoni tal-*lucrum cessans* hija ta’ 4%.

27. Għaldaqstant, is-somma ta’ €8,076.28 immoltiplikata għal 22 twassal għall-ammont ta’ €177,678.16, li maħdum b’rata ta’ 4% iwassal għas-somma ta’ €7,107.12. Il-Qorti tqis illi m’għandu jsir l-ebda tnaqqis

minħabba l-*lump sum payment* peress illi ser ikunu diġa` għaddew kawżi ħdax -il sena mid-data tal-inċident.[6]

28. Għaldaqstant id-danni *lucrum cessans* sofferti mill-appellanti huma fis-somma ta' sebat elef, mija u seba' ewro u tnax-il ċenteżmu (€7,107.12).

29. Minn dan isegwi illi s-somma komplessiva dovuta lill-appellanti mis-soċjeta` appellata hija fl-ammont ta' sebat elef, seba' mija u hames ewro u disgħa u disgħin ċenteżmu (**€7,705.99**), oltre l-imgħax dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**Decide**

Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell tal-appellanti u filwaqt li tħassar is-sentenza appellata, tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjeta` appellata, tilqa' it-talbiet kollha attriċi u konsegwentement:

i. Tiddikjara illi s-soċjeta` appellata hija unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fl-1 ta' Lulju 2010 għall-ħabta tat-3.30pm fi Splash and Fun Water Park, Baħar ic-Cagħaq, f'liema incident l-

[6] **Joseph Zammit et v. Duncan Galea et** (Appell, 26/06/2015).

appellanti soffriet danni konsegwenza ta' ġrieħi ta' natura permanenti, gravi u serji;

ii. Tillikwida d-danni sofferti mill-appellanti fl-ammont global ta' sebat elef, seba' mija u ħames ewro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€7,705.99), rappreżentanti in kwantu għas-somma ta' sebat elef, mija u seba' ewro u tnax-il ċenteżmu (€7,107.12) bħala *lucrum cessans* u in kwantu għas-somma ta' ħames mija, tmienja u disgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€598.87) bħala *damnum emergens*;

iii. Tordna lis-soċjeta` appellata tħallas lill-appellanti s-somma ta' sebat elef, seba' mija u ħames ewro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€7,705.99) hekk likwidati, bl-imgħax dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi jitħallsu mis-soċjeta` appellata kif mitlub mill-appellanti fir-rikors ġuramentat tagħha.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr